**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Kongunt Nru : 288/17 AL

**AB**

**VS**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz- zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi r-rikorrenti izzewwgu fid-9 ta' Gunju 1990 fil-Knisja Parrokjali ta' Hal-Luqa (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A).

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

Illi r-rikorrenti sseparaw permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Frar 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo', kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok. B.

Illi l-istess rikorrenti ilhom ghal dawn l-ahhar hdax-il sena jghixu hajja kompletament independenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniehom.

Illi in oltre, r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta' manteniment.

Illi r-rikorrenti jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul.

Illi huma jissodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt.

Talbu li din il- Qorti :

1. Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrenti nhar id-9 ta' Gunju 1990 fil-Knisja Parrokjali ta' Hal-Luqa, Malta jigi mahlul;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awwissu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Frar, 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.